**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2023/0138(COD)**

30.10.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97
(COM(2023)0240 – C9-0150/2023 – 2023/0138(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Gabriele Bischoff

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura



Magħquda fid-diversità

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, jikkunsidra dawn li ġejjin:

Emenda 1

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), li inizjalment kien jikkonsisti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[19], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997[20] u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir[21], huwa bbażat fuq l-objettiv ta' finanzi tal-gvern sodi u sostenibbli bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli b'saħħtu sostnut minn stabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni għal tkabbir ***u impjiegi*** sostenibbli u ***inklużivi***. | (2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), li inizjalment kien jikkonsisti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[19], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997[20] u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir[21], huwa bbażat fuq l-objettiv ta' finanzi tal-gvern sodi u sostenibbli bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli b'saħħtu ***li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi u*** sostnut minn stabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni għal tkabbir sostenibbli u ***inklużiv li fil-mira tiegħu jkollu l-livell massimu ta' impjiegi u l-progress soċjali***. |
| [19] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1). | [19] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1). |
| [20] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6). | [20] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6). |
| [21] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir Amsterdam, 17 ta' Ġunju 1997 (ĠU C 236, 2.8.1997, p. 1). | [21] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir Amsterdam, 17 ta' Ġunju 1997 (ĠU C 236, 2.8.1997, p. 1). |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex iqis aħjar l-eteroġeneità dejjem tikber tal-pożizzjonijiet fiskali, l-isfidi tad-dejn pubbliku u vulnerabbiltajiet oħrajn fl-Istati Membri. Ir-rispons politiku qawwi għall-pandemija tal-COVID-19 wera li kien effettiv ħafna fil-mitigazzjoni tad-dannu ekonomiku u soċjali tal-kriżi, iżda l-kriżi rriżultat f'żieda sinifikanti fil-proporzjonijiet tad-dejn tas-settur pubbliku u privat, li jenfasizza l-importanza li l-proporzjonijiet tad-dejn jitnaqqsu għal livelli prudenti b'mod gradwali, sostnut ***u*** favorevoli għat-tkabbir u li jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lill-objettivi ***tal-impjiegi u*** soċjali. Fl-istess ħin, il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex jgħin fl-indirizzar tal-isfidi ta' terminu medju u twil li qiegħda tiffaċċja l-Unjoni inkluż l-ilħuq ta' tranżizzjoni diġitali u ekoloġika ġusta, inkluża l-Liġi dwar il-Klima[22], l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija, l-awtonomija strateġika miftuħa, l-indirizzar tat-tibdil demografiku, it-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u ekonomika u l-implimentazzjoni tal-boxxla strateġika għas-sigurtà u għad-difiża, li kollha kemm huma jirrikjedu riformi u livelli għoljin sostnuti ta' investiment fis-snin li ġejjin. | (5) Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex iqis aħjar l-eteroġeneità dejjem tikber tal-pożizzjonijiet fiskali, l-isfidi tad-dejn pubbliku u vulnerabbiltajiet oħrajn fl-Istati Membri. Ir-rispons politiku qawwi għall-pandemija tal-COVID-19 wera li kien effettiv ħafna fil-mitigazzjoni tad-dannu ekonomiku u soċjali tal-kriżi, iżda l-kriżi rriżultat f'żieda sinifikanti fil-proporzjonijiet tad-dejn tas-settur pubbliku u privat, li jenfasizza l-importanza li l-proporzjonijiet tad-dejn jitnaqqsu għal livelli prudenti b'mod gradwali, sostnut***,*** favorevoli għat-tkabbir ***u inklużiv*** u li jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi ***kif ukoll li tiġi appoġġjata l-konverġenza soċjali 'l fuq***, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lill-objettivi soċjali ***u dwar impjiegi ta' kwalità***. Fl-istess ħin, il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex jgħin fl-indirizzar tal-isfidi fuq terminu medju u twil li qed tiffaċċja l-Unjoni, inkluż il-kisba ta' tranżizzjoni diġitali u ekoloġika ġusta, inkluża l-Liġi dwar il-Klima[22] ***u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***, l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija, l-awtonomija strateġika miftuħa, l-indirizzar tat-tibdil demografiku, it-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u ekonomika***, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-investimenti soċjali*** u l-implimentazzjoni tal-boxxla strateġika għas-sigurtà u għad-difiża, li kollha kemm huma jeħtieġu riformi u livelli għoljin sostnuti ta' investiment fis-snin li ġejjin. |
| [22] Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima | [22] Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima |

| | |
|---|---|
| tistabbilixxi objettiv ta' newtralità klimatika għall-Unjoni kollha sal-2050 u tirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu progress fit-tisħiħ tal-kapaċità adattiva, u dan jirrikjedi investiment pubbliku sinifikanti biex jitnaqqsu l-impatti soċjoekonomiċi negattivi tat-tibdil fil-klima fuq l-UE u l-Istati Membri tagħha, inklużi l-impatti negattivi fuq it-tkabbir u s-sostenibbiltà fiskali. | tistabbilixxi objettiv ta' newtralità klimatika għall-Unjoni kollha sal-2050 u tirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu progress fit-tisħiħ tal-kapaċità adattiva, u dan jirrikjedi investiment pubbliku sinifikanti biex jitnaqqsu l-impatti soċjoekonomiċi negattivi tat-tibdil fil-klima fuq l-UE u l-Istati Membri tagħha, inklużi l-impatti negattivi fuq it-tkabbir u s-sostenibbiltà fiskali. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-proċedura ta' sorveljanza multilaterali stabbilita fl-Artikolu 121(2), (3) u (4) u fl-Artikolu 148(4) tat-TFUE jenħtieġ li timmonitorja f'konformità ma' regoli aktar dettaljati l-medda sħiħa ta' żviluppi ekonomiċi ***u*** tal-impjiegi f'kull wieħed mill-Istati Membri u fl-Unjoni. Dan jinkludi d-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u l-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi eċċessivi kif stabbilit fir-Regolamenti (UE) Nru 1174/2011[23] u (UE) Nru 1176/2011[24] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għall-monitoraġġ ta' tali żviluppi ekonomiċi ***u*** tal-impjiegi, l-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw informazzjoni fil-forma ta' pjanijiet fiskali strutturali ta' terminu medju. | (7) Il-proċedura ta' sorveljanza multilaterali stabbilita fl-Artikolu 121(2), (3) u (4) u fl-Artikolu 148(4) tat-TFUE jenħtieġ li timmonitorja f'konformità ma' regoli aktar dettaljati l-medda sħiħa ta' żviluppi ekonomiċi, tal-impjiegi ***u dawk soċjali rilevanti*** f'kull wieħed mill-Istati Membri u fl-Unjoni***, marbuta mal-miri ewlenin, inkluż il-progress lejn il-kisba tal-miri nazzjonali, u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tagħhom tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***. Dan jinkludi d-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u l-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi eċċessivi kif stabbilit fir-Regolamenti (UE) Nru 1174/2011[23] u (UE) Nru 1176/2011[24] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għall-monitoraġġ ta' tali żviluppi ekonomiċi, tal-impjiegi ***u tal-konverġenza soċjali***, l-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw informazzjoni fil-forma ta' pjanijiet fiskali strutturali ta' terminu medju. |
| [23] Ir-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi | [23] Ir-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi |

| | |
|---|---|
| eċċessivi fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8). | eċċessivi fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8). |
| [24] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25). | [24] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25). |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Sabiex tiġi promossa l-konverġenza soċjali 'l fuq, il-proċedura ta' sorveljanza multilaterali stabbilita fl-Artikolu 148(4) tat-TFUE hija kkomplementata b'sistema ta' twissija bikrija fis-Semestru Ewropew (Qafas ta' Konverġenza Soċjali). Fi ħdan il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, il-Kummissjoni - skont l-Artikolu 148 TFUE - l-ewwel tidentifika r-riskji għall-konverġenza 'l fuq għall-Istati Membri fir-rapport konġunt dwar l-impjiegi bbażat fuq l-indikaturi ewlenin tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali. Fit-tieni stadju, il-Kummissjoni tidentifika l-Istati Membri li jeħtieġu eżami ulterjuri u tippubblika r-"Rapporti ta' Konverġenza Soċjali" għal dawk l-Istati Membri identifikati bħala li qed jiffaċċjaw riskji għal konverġenza soċjali 'l fuq. Il-konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali taħt il-qafas il-ġdid jenħtieġ li jipprovdu kontribut għar-riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-proposti tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (8) Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-kontenut, is-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju, sabiex jiġu promossi s-sostenibbiltà tad-dejn ***u t-tkabbir*** sostenibbli u inkluživ fl-Istati Membri u tiġi evitata l-okkorrenza ta' defiċits eċċessivi tal-gvern permezz ta' ppjanar ta' terminu medju. | (8) Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-kontenut, is-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju, sabiex jiġu promossi s-sostenibbiltà tad-dejn***, it-tkabbir*** sostenibbli u inkluživ ***u l-konverġenza soċjali 'l fuq*** fl-Istati Membri u tiġi evitata l-okkorrenza ta' defiċits eċċessivi tal-gvern permezz ta' ppjanar ta' terminu medju. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (9) Il-pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju jenħtieġ li jiġbru flimkien ir-riformi fiskali, strutturali u l-impenji ta' investiment ta' kull Stat Membru u dawn il-pjanijiet jenħtieġ li jkunu l-pedament tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. Kull Stat Membru jenħtieġ li jippreżenta pjan ta' terminu medju li jistabbilixxi t-trajettorja fiskali tiegħu kif ukoll l-impenji ta' investiment pubbliku prijoritarju u ta' riforma li flimkien jiżguraw tnaqqis sostnut u gradwali tad-dejn u tkabbir sostenibbli u inkluživ, filwaqt li tiġi evitata politika fiskali proċiklika, kif ukoll impenji usa' ta' riforma u ta' investiment, inkluż fir-rigward tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ir-reżiljenza soċjali u ekonomika u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Matul il-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[25], l-impenji meħuda fil-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq. | (9) Il-pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju jenħtieġ li jiġbru flimkien ir-riformi fiskali, strutturali u l-impenji ta' investiment ta' kull Stat Membru u dawn il-pjanijiet jenħtieġ li jkunu l-pedament tal-qafas ta' governanza ekonomika ***u soċjali*** tal-Unjoni. Kull Stat Membru jenħtieġ li jippreżenta pjan ta' terminu medju li jistabbilixxi t-trajettorja fiskali tiegħu kif ukoll l-impenji ta' investiment pubbliku prijoritarju u ta' riforma li flimkien jiżguraw tnaqqis sostnut u gradwali tad-dejn u tkabbir sostenibbli u inkluživ, filwaqt li tiġi evitata politika fiskali proċiklika, kif ukoll impenji usa' ta' riforma u ta' investiment, inkluż fir-rigward tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ir-reżiljenza soċjali u ekonomika u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***, inklużi l-miri relatati dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030***[1a]. Matul il-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[25], l-impenji meħuda fil-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza jenħtieġ li jitqiesu |

| | |
|---|---|
| | kif xieraq. |
| __________________ | __________________ |
| | [25a] ***Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" tal-4 ta' Marzu 2021 (COM(2021)0102).*** |
| [25] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17). | [25] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17). |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni huma wkoll sinkronizzati mal-proċess tas-Semestru Ewropew. Bħala l-politika ta' investiment fit-tul tal-baġit tal-UE, l-investimenti u r-riformi tal-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq fit-tfassil tal-pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju. Kull Stat Membru jenħtieġ li jispjega wkoll kif il-pjan fiskali strutturali nazzjonali tiegħu ta' terminu medju se jiżgura konsistenza man-nefqa fuq il-programmi tal-UE korrisposta b'mod sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-UE u l-kofinanzjament nazzjonali rilevanti. | (10) Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni huma wkoll sinkronizzati mal-proċess tas-Semestru Ewropew. Bħala l-politika ta' investiment fit-tul tal-baġit tal-UE ***li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali,*** l-investimenti u r-riformi tal-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq fit-tfassil tal-pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju. Kull Stat Membru jenħtieġ li jispjega wkoll kif il-pjan fiskali strutturali nazzjonali tiegħu ta' terminu medju se jiżgura konsistenza man-nefqa fuq il-programmi tal-UE korrisposta b'mod sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-UE u l-kofinanzjament nazzjonali rilevanti. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Sabiex tipprovdi gwida lill-Istati Membri fl-abbozzar tal-pjan fiskali strutturali ta' terminu medju tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tressaq trajettorja teknika bbażata fuq l-aġġustament fiskali minimu li jġib it-trajettorja tad-dejn tal-Istat Membru fuq perkors ta' tnaqqis b'mod plawżibbli jew iżomm id-dejn f'livell prudenti. Jenħtieġ li tiżgura wkoll li l-proporzjon tad-dejn pubbliku fi tmiem il-perjodu għall-ippjanar jonqos taħt il-livell tiegħu fis-sena qabel il-bidu tat-trajettorja teknika. ***Is-sostenibbiltà ta' dak it-tnaqqis fid-dejn jenħtieġ li tirriżulta minn politiki fiskali xierqa.*** | (13) Sabiex tipprovdi gwida lill-Istati Membri fl-abbozzar tal-pjan fiskali strutturali ta' terminu medju tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tressaq trajettorja teknika bbażata fuq l-aġġustament fiskali minimu li jġib it-trajettorja tad-dejn tal-Istat Membru fuq perkors ta' tnaqqis b'mod plawżibbli jew iżomm id-dejn f'livell prudenti***, filwaqt li jitqiesu wkoll l-investiment immirati meħtieġa biex jinkisbu l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni***. Jenħtieġ li tiżgura wkoll li l-proporzjon tad-dejn pubbliku fi tmiem il-perjodu għall-ippjanar jonqos taħt il-livell tiegħu fis-sena qabel il-bidu tat-trajettorja teknika. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Sabiex jiġi żgurat tnaqqis tad-dejn aktar gradwali, il-perjodu ta' aġġustament jista' jiġi estiż b'massimu ta' 3 snin jekk l-Istat Membru jirfed il-pjan fiskali strutturali tiegħu ta' terminu medju b'sett ta' riformi u investiment verifikabbli u marbuta maż-żmien li, meta jiġu kkunsidrati flimkien: isaħħu t-tkabbir, jappoġġaw is-sostenibbiltà fiskali, jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru skont is-Semestru Ewropew, u jindirizzaw il-prijoritajiet ta' investiment speċifiċi għall-pajjiż mingħajr ma jwasslu għal tnaqqis f'investiment pubbliku ieħor iffinanzjat fil-livell nazzjonali matul il-perjodu ta' aġġustament sabiex jiġi żgurat impatt makroekonomiku tal-investimenti u tiġi evitata l-esklużjoni ta' prijoritajiet | (22) Sabiex jiġi żgurat tnaqqis tad-dejn aktar gradwali, il-perjodu ta' aġġustament jista' jiġi estiż b'massimu ta' 3 snin jekk l-Istat Membru jirfed il-pjan fiskali strutturali tiegħu ta' terminu medju b'sett ta' riformi u investiment verifikabbli u marbuta maż-żmien li, meta jiġu kkunsidrati flimkien: isaħħu t-tkabbir ***sostenibbli u inklużiv, jippromovu l-konverġenza soċjali 'l fuq***, jappoġġaw is-sostenibbiltà fiskali, jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru skont is-Semestru Ewropew, u jindirizzaw il-prijoritajiet ta' investiment speċifiċi għall-pajjiż mingħajr ma jwasslu għal tnaqqis f'investiment pubbliku ieħor iffinanzjat fil-livell nazzjonali***, inklużi investimenti soċjali,*** matul il-perjodu ta' aġġustament sabiex jiġi żgurat impatt makroekonomiku tal-investimenti u tiġi |

| | |
|---|---|
| oħrajn ta' investiment. | evitata l-esklużjoni ta' prijoritajiet oħrajn ta' investiment. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jiżguraw koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, u b'hekk jappoġġa l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jiżguraw koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, u b'hekk jappoġġa l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni għat-tkabbir ***sostenibbli u inklużiv*** u l-impjiegi ***ta' kwalità***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kontenut, is-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju bħala parti mis-sorveljanza baġitarja multilaterali mill-Kunsill u mill-Kummissjoni sabiex jiġu promossi s-sostenibbiltà tad-dejn ***u t-tkabbir*** sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri u tiġi evitata l-okkorrenza ta' defiċits eċċessivi tal-gvern, permezz ta' ppjanar ta' terminu medju. | Dan jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kontenut, is-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju bħala parti mis-sorveljanza baġitarja multilaterali mill-Kunsill u mill-Kummissjoni sabiex jiġu promossi s-sostenibbiltà tad-dejn***, it-tkabbir*** sostenibbli u inklużiv ***u konverġenza soċjali 'l fuq*** fl-Istati Membri u tiġi evitata l-okkorrenza ta' defiċits eċċessivi tal-gvern, permezz ta' ppjanar ta' terminu medju***, filwaqt li jiġu żgurati l-investimenti ekonomiċi u soċjali mmirati f'konformità mal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u konverġenza ***sostnuta*** tal-prestazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom iwettqu sorveljanza multilaterali fis-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stabbiliti fit-TFUE. Is-sorveljanza multilaterali għandha tiddependi fuq statistika ta' kwalità għolja u indipendenti, prodotta f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. | Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi ***u tal-impjiegi*** u konverġenza ***'l fuq*** tal-prestazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istati Membri ***f'konformità mal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni***, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom iwettqu sorveljanza multilaterali fis-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stabbiliti fit-TFUE. Is-sorveljanza multilaterali għandha tiddependi fuq statistika ta' kwalità għolja u indipendenti, prodotta f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-formulazzjoni, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida dwar l-impjiegi li jridu jitqiesu mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 148(2) tat-TFUE, ***inkluż il-Pilastru*** Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u tar-rakkomandazzjonijiet relatati speċifiċi għall-pajjiż***;*** | (b) il-formulazzjoni, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida dwar l-impjiegi li jridu jitqiesu mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 148(2) tat-TFUE, ***tal-Pilastru*** Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ***u l-miri ewlenin tiegħu***, u tar-rakkomandazzjonijiet relatati speċifiċi għall-pajjiż***, kif ukoll it-tabella ta' valutazzjoni soċjali u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tagħha u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali biex jiġu evitati u identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jkun meħtieġ, wara l-valutazzjoni skont dan ir-Regolament tal-pjanijiet fiskali strutturali ta' terminu medju, tar-rapporti ta' progress annwali u s-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Istati Membri kkonċernati, il-Kunsill għandu, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni, jindirizza rakkomandazzjonijiet lil dawk l-Istati Membri li jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti legali previsti fl-Artikoli 121 u 148 tat-TFUE u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata. | 1. Meta jkun meħtieġ, wara l-valutazzjoni skont dan ir-Regolament tal-pjanijiet fiskali strutturali ta' terminu medju, tar-rapporti ta' progress annwali u s-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Istati Membri kkonċernati, il-Kunsill għandu, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni, jindirizza rakkomandazzjonijiet lil dawk l-Istati Membri li jagħmlu użu sħiħ ***mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u*** mill-istrumenti legali previsti fl-Artikoli 121 u 148 tat-TFUE u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) rakkomandazzjoni mill-Kunsill ibbażata fuq proposta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 148(4) tat-TFUE jew li tirrifletti l-eżiti tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali;*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1– punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-previżjoni u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi tagħha; | (b) il-previżjoni u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi tagħha; ***il-previżjoni u s-suppożizzjonijiet tagħha dwar ir-riskji soċjali;*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-pjan fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju għandu jiddeskrivi wkoll l-azzjonijiet tal-Istat Membru kkonċernat biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, inklużi dawk li huma rilevanti għall-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi, u t-twissijiet mill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jew ir-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill, fejn applikabbli, magħmula skont l-Artikolu 121(4) tat-TFUE. | Il-pjan fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju għandu jiddeskrivi wkoll l-azzjonijiet tal-Istat Membru kkonċernat biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, inklużi dawk li huma rilevanti għall-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi, ***kif ukoll l-isfidi identifikati fir-Rapporti dwar il-Konvċerġenza Soċjali taħt il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali,*** u t-twissijiet mill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jew ir-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill, fejn applikabbli, magħmula skont l-Artikolu 121(4) tat-TFUE ***u l-Artikolu 148(4) tat-TFUE***. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jispjega kif se jiżgura t-twettiq ta' investiment u riformi li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fis-Semestru Ewropew, fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, jikkoreġi l-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi jekk applikabbli, u jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-Deċennju Diġitali filwaqt li jkun konsistenti mal-Pjanijiet Nazzjonali aġġornati għall-Enerġija u l-Klima u mal-Pjanijiet Direzzjonali Nazzjonali għad-Deċennju Diġitali; | (b) ***jivvaluta d-diskrepanzi nazzjonali fl-investiment pubbliku biex jinkisbu l-prijoritajiet komuni; fuq dik il-bażi għandu jipprevedi li l-aġġustament fiskali ppjanat jippermetti l-investiment soċjali meħtieġ biex jiġu implimentati l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Barra minn hekk, għandu*** jispjega kif se jiżgura t-twettiq ta' investiment u riformi li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fis-Semestru Ewropew, fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, jikkoreġi l-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi, jekk applikabbli, ***jikkoreġi r-riskji għall-konverġenza soċjali identifikati fil-Qafas tal-Konverġenza Soċjali, jekk ikun il-każ,*** u jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-Anness VI ta' dan ir- |

| | |
|---|---|
| | Regolament, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***, inklużi l-miri relatati dwar l-impjiegi, it-taħriġ u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030,*** u d-Deċennju Diġitali filwaqt li jkun konsistenti mal-Pjanijiet Nazzjonali aġġornati għall-Enerġija u l-Klima u mal-Pjanijiet Direzzjonali Nazzjonali għad-Deċennju Diġitali***. Barra minn hekk, għandu jispjega kif jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida wesgħin għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u għal-linji gwida dwar l-impjiegi skont l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(2) tat-TFUE***; |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jispjega l-proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, u kif il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati huwa rifless fil-pjan u fil-proċess tal-implimentazzjoni; kif ukoll*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) jindirizza r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat, inklużi, fejn applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi; | (iv) jindirizza r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat***, skont l-Artikolu 121(4) u l-Artikolu 148(4) tat-TFUE***, inklużi, fejn applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il- |

| | |
|---|---|
| | Proċedura ta’ Żbilanċi Makroekonomiċi ***kif ukoll skont il-Qafas ta’ Konverġenza Ekonomika***; |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Article 16 – paragraph 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjoni li tistabbilixxi l-perkors tan-nefqa netta tal-Istat Membru kkonċernat u, jekk applikabbli, tapprova s-sett ta’ impenji ta’ riforma u ta’ investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta’ aġġustament inkluż fil-pjan fiskali strutturali nazzjonali tiegħu ta’ terminu medju ***fi żmien 4*** ġimgħat mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni bħala regola. | Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni***, u wara li jikkonsulta mal-kumitati konsultattivi relevanti identifikati skont l-Artikolu 26***, għandu jadotta rakkomandazzjoni li tistabbilixxi l-perkors tan-nefqa netta tal-Istat Membru kkonċernat u, jekk applikabbli, tapprova s-sett ta’ impenji ta’ riforma u ta’ investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta’ aġġustament inkluż fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali tiegħu ta’ terminu medju ***bejn sitt ġimgħat u għaxar*** ġimgħat mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni bħala regola. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Article 17 – paragraph 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jqis li l-pjan ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu ***15 (2)*** u (3) ***il-punt*** (a), il-Kunsill għandu, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jirrakkomanda li l-Istat Membru kkonċernat jissottometti pjan fiskali strutturali nazzjonali rivedut ta’ terminu medju. | Meta jqis li l-pjan ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu ***15(2)*** u (3) ***il-punti*** (a) ***u (b)***, il-Kunsill għandu, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni***, u wara li jikkonsulta mal-kumitati konsultattivi relevanti identifikati fl-Artikolu 26***, jirrakkomanda li l-Istat Membru kkonċernat jissottometti pjan fiskali-strutturali nazzjonali rivedut ta’ terminu medju. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-rapport ta' progress annwali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-perkors tan-nefqa netta, l-implimentazzjoni ta' impenji usa' ta' riforma u ta' investiment fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u, jekk applikabbli, fl-implimentazzjoni tas-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament. | 2. Ir-rapport ta' progress annwali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-perkors tan-nefqa netta, l-implimentazzjoni ta' impenji usa' ta' riforma u ta' investiment fil-kuntest tas-Semestru Ewropew ***inkluż il-progress fuq il-miri tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar l-impjiegi, it-taħriġ u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030, kif ukoll il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-Anness VI*** u, jekk applikabbli, fl-implimentazzjoni tas-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull istituzzjoni fiskali indipendenti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill […][32] [dwar l-oqfsa baġitarji nazzjonali] għandha tipprovdi valutazzjoni tal-konformità tad-*data* dwar l-eżiti tal-baġit irrapportata fir-rapport ta' progress imsemmi fl-Artikolu 20 mal-perkors tan-nefqa netta***.*** Meta jkun applikabbli, kull istituzzjoni fiskali indipendenti nazzjonali għandha tanalizza wkoll il-fatturi sottostanti għal devjazzjoni mill-perkors tan-nefqa netta. | Kull istituzzjoni fiskali indipendenti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill […][32] [dwar l-oqfsa baġitarji nazzjonali] għandha***:*** |
| | ***(a)*** tipprovdi valutazzjoni tal-konformità tad-*data* dwar l-eżiti tal-baġit irrapportata fir-rapport ta' progress imsemmi fl-Artikolu 20 mal-perkors tan-nefqa netta***;*** |

| | |
|---|---|
| | *(b)* meta jkun applikabbli, kull istituzzjoni fiskali indipendenti nazzjonali għandha tanalizza wkoll il-fatturi sottostanti għal devjazzjoni mill-perkors tan-nefqa netta***;*** |
| | ***(c) tipprovdi valutazzjoni tal-impatt soċjali tal-għażliet tal-politika ta' aġġustament fiskali***. |
| ___ | ___ |
| 32 Id-Direttiva tal-Kunsill […] ta' […] [li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri] (ĠU L …, …, p….) | 32 Id-Direttiva tal-Kunsill […] ta' […] [li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri] (ĠU L …, …, p….) |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Parlament Ewropew għandu jkun involut kif xieraq fis-Semestru Ewropew sabiex jiżdiedu t-trasparenza u s-sjieda u r-responsabilità tad-deċiżjonijiet meħuda, b'mod partikolari permezz ta' djalogu ekonomiku. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għandhom jiġu kkonsultati fil-qafas tas-Semestru Ewropew fejn ikun xieraq. Il-partijiet ikkonċernati relevanti, b'mod partikolari s-sħab soċjali, għandhom ikunu involuti, fejn ikun xieraq, fil-qafas tas-Semestru Ewropew dwar il-kwistjonijiet ta' politika ewlenija, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE u l-arranġamenti legali u politiċi nazzjonali. | Il-Parlament Ewropew għandu jkun involut kif xieraq fis-Semestru Ewropew sabiex jiżdiedu t-trasparenza u s-sjieda u r-responsabilità tad-deċiżjonijiet meħuda, b'mod partikolari permezz ta' djalogu ekonomiku ***u dwar l-impjiegi kif ukoll tal-issettjar tal-prijoritajiet tal-politika makroekonomika u dik soċjali***. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għandhom jiġu kkonsultati fil-qafas tas-Semestru Ewropew fejn ikun xieraq. ***Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni għandhom jiġu kkonsultati wkoll fis-Semestru Ewropew fejn xieraq.*** Il-partijiet ikkonċernati relevanti, b'mod partikolari s-sħab soċjali ***u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, għandhom ikunu involuti, fejn ikun xieraq, fil-qafas tas-Semestru Ewropew dwar il-kwistjonijiet ta' politika ewlenija, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE u l-arranġamenti legali u politiċi |

nazzjonali.

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u sabiex jiġu żgurati trasparenza u responsabilità ikbar, il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-President tal-Kunsill, lill-Kummissjoni u, fejn ikun xieraq, lill-President tal-Kunsill Ewropew jew lill-President tal-Grupp tal-Euro biex jidhru quddiemu ħalli jiddiskutu l-gwida ta' politika għall-Istati Membri maħruġa mill-Kummissjoni, il-konklużjonijiet misluta mill-Kunsill Ewropew u r-riżultati tas-sorveljanza multilaterali li tkun saret skont dan ir-Regolament. | Sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u sabiex jiġu żgurati trasparenza u responsabilità ikbar, il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-President tal-Kunsill, lill-Kummissjoni u, fejn ikun xieraq, lill-President tal-Kunsill Ewropew jew lill-President tal-Grupp tal-Euro biex jidhru quddiemu ħalli jiddiskutu l-gwida ta' politika għall-Istati Membri maħruġa mill-Kummissjoni, il-konklużjonijiet misluta mill-Kunsill Ewropew u r-riżultati tas-sorveljanza multilaterali li tkun saret skont dan ir-Regolament***, inklużi sistemi ta' twissija bikrija stabbiliti skont l-Artikoli 121(4) u 148 tat-TFUE***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni biex jiddiskutu l-kwistjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) il-valutazzjoni tal-projezzjoni tad-dejn pubbliku ta' terminu medju tal-Kummissjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju kif ukoll l-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn*** |

| | |
|---|---|
| | ***(b) il-valutazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fir-rapporti annwali ta' progress*** <br> ***(c) il-valutazzjoni tas-sett ta' impenji ta' riforma u investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament;*** <br> ***(d) l-evalwazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u r-riskji tal-konverġenza soċjali, u l-progress lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) Informazzjoni dwar obbligazzjonijiet impliċiti ***relatati mat-tixjiħ,*** u ***obbligazzjonijiet*** kontinġenti b'impatt potenzjalment kbir fuq il-baġits tal-gvern, inklużi garanziji tal-gvern, self improduttiv, u obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-operat ta' korporazzjonijiet pubbliċi, inkluż il-firxa tagħhom, spejjeż u obbligi potenzjali li jirriżultaw minn kawżi tal-qorti u, sa fejn ikun possibbli, informazzjoni dwar obbligazzjonijiet kontinġenti fl-oqsma tad-diżastri u l-klima. | (d) Informazzjoni dwar obbligazzjonijiet impliċiti u kontinġenti b'impatt potenzjalment kbir fuq il-baġits tal-gvern, inklużi garanziji tal-gvern, self improduttiv, u obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-operat ta' korporazzjonijiet pubbliċi, inkluż il-firxa tagħhom, spejjeż u obbligi potenzjali li jirriżultaw minn kawżi tal-qorti u, sa fejn ikun possibbli, informazzjoni dwar obbligazzjonijiet kontinġenti fl-oqsma tad-diżastri u l-klima. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) F'każ li l-Istat Membru jagħmel użu mis-suppożizzjonijiet imsemmija fil-punt (e) li huma differenti mis-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni matul il-perjodu ta' aġġustament tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u | (f) F'każ li l-Istat Membru jagħmel użu mis-suppożizzjonijiet imsemmija fil-punt (e) li huma differenti mis-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni matul il-perjodu ta' aġġustament tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u |

| | |
|---|---|
| l-perjodu sussegwenti ta' 10 snin jekk ma jittiħdux miżuri baġitarji oħra, spjegazzjonijiet u ġustifikazzjonijiet dovuti bbażati fuq argumenti ekonomiċi sodi ta' dawn id-differenzi. | l-perjodu sussegwenti ta' 10 snin jekk ma jittiħdux miżuri baġitarji oħra, spjegazzjonijiet u ġustifikazzjonijiet dovuti bbażati fuq argumenti ekonomiċi ***u soċjali*** sodi ta' dawn id-differenzi. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) Analiżi ta' kif il-bidliet fis-suppożizzjonijiet ekonomiċi ewlenin jaffettwaw il-pożizzjoni baġitarja u tad-dejn tal-Istat Membru. | (g) Analiżi ta' kif il-bidliet fis-suppożizzjonijiet ekonomiċi ***u soċjali*** ewlenin jaffettwaw il-pożizzjoni baġitarja u tad-dejn tal-Istat Membru ***kif ukoll il-ksib tal-miri nazzjonali, marbuta mal-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tagħhom u l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni***. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) Jekk applikabbli, rappreżentazzjoni sostanzjata tar-raġunijiet (b'argumenti ekonomiċi rilevanti sodi u verifikabbli) għad-devjazzjoni mit-trajettorja teknika mressqa mill-Kummissjoni. | (h) Jekk applikabbli, rappreżentazzjoni sostanzjata tar-raġunijiet (b'argumenti ekonomiċi ***u soċjali*** rilevanti sodi u verifikabbli) għad-devjazzjoni mit-trajettorja teknika mressqa mill-Kummissjoni. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) In-nefqa totali għall-investiment | (j) In-nefqa totali għall-investiment |

| | |
|---|---|
| pubbliku, kif ukoll in-nefqa għar-riformi u n-nefqa għall-investiment pubbliku li jindirizzaw ***il-prijoritajiet*** komuni tal-Unjoni msemmija fl-Anness VI. | pubbliku, kif ukoll in-nefqa għar-riformi u n-nefqa għall-investiment pubbliku li jindirizzaw ***kull waħda mill-prijoritajiet*** komuni tal-Unjoni msemmija fl-Anness VI. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt k**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (k) Jekk applikabbli, informazzjoni dwar impenji speċifiċi, marbutin biż-żmien u verifikabbli ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament skont l-Artikolu 13, skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħha, kif ukoll argumenti ekonomiċi sodi li dan is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment jissodisfa l-kriterji skont l-Artikolu 13 filwaqt li jitqiesu l-kriterji ta' valutazzjoni fl-Anness VII. | (k) Jekk applikabbli, informazzjoni dwar impenji speċifiċi, marbutin biż-żmien u verifikabbli ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament skont l-Artikolu 13, skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħha, kif ukoll argumenti ekonomiċi ***u soċjali*** sodi li dan is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment jissodisfa l-kriterji skont l-Artikolu 13 filwaqt li jitqiesu l-kriterji ta' valutazzjoni fl-Anness VII. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt l**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (l) Kwantifikazzjoni, kemm jista' jkun komprensiva, tal-impatti mistennija tar-riformi u l-investiment imsemmija fil-punt (k) fuq is-sostenibbiltà fiskali, it-tkabbir u l-impjiegi, fejn applikabbli f'konformità ma' metodoloġiji maqbula b'mod komuni. | (l) Kwantifikazzjoni, kemm jista' jkun komprensiva, tal-impatti mistennija tar-riformi u l-investiment imsemmija fil-punt (k) fuq is-sostenibbiltà fiskali, it-tkabbir ***sostenibbli u inklużiv*** u ***l-kompetittività,*** l-impjiegi ***ta' kwalità kif ukoll konverġenza soċjali 'l fuq***, fejn applikabbli f'konformità ma' metodoloġiji maqbula b'mod komuni. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt na (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(na) Jekk applikabbli, riformi u investimenti li bihom għandhom jiġu kkoreġuti r-riskji tal-konverġenza soċjali identifikati skont il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt p**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (p) Għall-Istati Membri li d-dejn pubbliku tagħhom jirrappreżenta sfida żgħira, iżda b'responsabbiltajiet impliċiti kbar ***minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni***, it-trajettorja tan-nefqa netta nazzjonali u r-riformi fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju għandhom iqisu kif xieraq l-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali fit-tul tal-finanzi pubbliċi. | (p) Għall-Istati Membri li d-dejn pubbliku tagħhom jirrappreżenta sfida żgħira, iżda b'responsabbiltajiet impliċiti kbar, it-trajettorja tan-nefqa netta nazzjonali u r-riformi fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju għandhom iqisu kif xieraq l-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali fit-tul tal-finanzi pubbliċi ***kif ukoll ir-riskji tad-diverġenza soċjali kif stabbiliti mill-monitoraġġ l-aktar reċenti***. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt q**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (q) Informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra qabel it-tħejjija tal-pjan. | (q) Informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet ***effettivi*** mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra qabel it-tħejjija tal-pjan. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) Tqabbil mill-bidu tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju bejn il-projezzjonijiet tal-varjabbli ekonomiċi ewlenin sottomessi f'dak il-pjan u d-*data* tal-eżitu għal dawn il-varjabbli, kif ukoll l-implikazzjonijiet għall-konformità mal-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill u l-implikazzjonijiet fuq il-perkors imbassar tal-proporzjon tad-dejn pubbliku rrappurtat f'dak il-pjan. | (b) Tqabbil mill-bidu tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju bejn il-projezzjonijiet tal-varjabbli ekonomiċi ***u soċjali*** ewlenin sottomessi f'dak il-pjan u d-*data* tal-eżitu għal dawn il-varjabbli, kif ukoll l-implikazzjonijiet għall-konformità mal-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill u l-implikazzjonijiet fuq il-perkors imbassar tal-proporzjon tad-dejn pubbliku rrappurtat f'dak il-pjan ***kif ukoll għall-konformità mal-kisba tal-miri nazzjonali marbuta mal-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Dritt Soċjali***. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) Is-suppożizzjonijiet ewlenin dwar l-iżviluppi ekonomiċi mistennija u l-varjabbli ekonomiċi ewlenin għas-snin ta' wara tal-perjodu ta' aġġustament, inkluż il-proporzjon tad-dejn pubbliku. | (h) Is-suppożizzjonijiet ewlenin dwar l-iżviluppi ekonomiċi ***u soċjali*** mistennija u l-varjabbli ekonomiċi ***u soċjali*** ewlenin għas-snin ta' wara tal-perjodu ta' aġġustament, inkluż il-proporzjon tad-dejn pubbliku. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 1 – punt l**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (l) Analiżi tal-evoluzzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku u tal-impatt li l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investiment rilevanti rrappurtati fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju f'konformità mal-Anness II, ***il-punt*** | (l) Analiżi tal-evoluzzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku ***kif ukoll ir-riskji tal-konverġenza soċjali identifikati skont il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali*** u tal-impatt li l-implimentazzjoni tar-riformi u l- |

| | |
|---|---|
| (n) għandha fuqhom, fejn applikabbli. | investiment rilevanti rrappurtati fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju f'konformità mal-Anness II, ***il-punti*** (n) ***u (o)*** għandha fuqhom, fejn applikabbli. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 1 – punt n**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (n) Informazzjoni dwar l-iżviluppi tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali, u dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika meħuda li jrawmu konverġenza soċjali 'l fuq fost l-Istati Membri lejn kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar, f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi skont l-Artikolu 148 tat-TFUE. Dan jinkludi l-impatt mistenni tal-miżuri, fir-rigward tal-progress fil-miri nazzjonali dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030. | (n) Informazzjoni dwar l-iżviluppi tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali, u dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika meħuda li jrawmu konverġenza soċjali 'l fuq fost l-Istati Membri lejn kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar, f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi skont l-Artikolu 148 tat-TFUE ***u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali***. Dan jinkludi l-impatt mistenni tal-miżuri, fir-rigward tal-progress fil-miri nazzjonali dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030***, u jekk applikabbli, l-impatt mistenni tal-miżuri biex jikkoreġu r-riskji tal-konverġenza soċjali skont il-Qafas tal-Konverġenza Soċjali***. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 1 – punt oa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(oa) Informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra bil-ħsieb tat-tħejjija tal-pjan***. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2.1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2.1 L-impenji ta' riforma u investiment isaħħu t-tkabbir; | 2.1 L-impenji ta' riforma u investiment isaħħu t-tkabbir ***sostenibbli***; ***Is-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment huma mistennija li jinvolvu progress suffiċjenti lejn il-kisba tal-miri nazzjonali, marbuta mal-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Dritt Soċjali u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tagħhom.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2.2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2.2a L-impenji ta' riforma u ta' investiment jappoġġaw il-konverġenza soċjali 'l fuq;*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2.4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2.4 Is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment, meħud flimkien, jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, inklużi, fejn applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku; | 2.4 Is-sett ta' impenji ta' riforma u investiment, meħud flimkien, jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ***skont l-Artikolu 121(4) u l-Artikolu 148(4) tat-TFUE***, inklużi, fejn applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku; |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2.4 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Is-sett ta’ impenji ta’ riforma u ta’ investiment rilevanti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta’ aġġustament, meħuda flimkien, huwa mistenni li jindirizza l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, inklużi r-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta’ Żbilanċ Makroekonomiku fejn applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-kamp ta’ applikazzjoni u l-iskala tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż u l-impenji li saru skont il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, fejn rilevanti; | – Is-sett ta’ impenji ta’ riforma u ta’ investiment rilevanti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta’ aġġustament, meħuda flimkien, huwa mistenni li jindirizza l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, inklużi r-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta’ Żbilanċ Makroekonomiku fejn applikabbli ***u inklużi r-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont l-Artiklu 148(4) tat-TFUE***, filwaqt li jitqiesu l-kamp ta’ applikazzjoni u l-iskala tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż u l-impenji li saru skont il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, fejn rilevanti; |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u t-tħassir tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 |
| **Referenzi** | COM(2023)0240 – C9-0150/2023 – 2023/0138(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>12.6.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>12.6.2023 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 14.9.2023 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Gabriele Bischoff<br>29.6.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 2.10.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 25.10.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 29<br>–: 4<br>0: 10 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | João Albuquerque, Marc Angel, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Milan Brglez, Jordi Cañas, David Casa, Ilan De Basso, Margarita de la Pisa Carrión, Özlem Demirel, Klára Dobrev, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Chiara Gemma, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Stelios Kympouropoulos, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Elena Lizzi, Sara Matthieu, Max Orville, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoş Pîslaru, Elżbieta Rafalska, Daniela Rondinelli, Pirkko Ruohonen-Lerner, Monica Semedo, Romana Tomc, Nikolaj Villumsen, Marianne Vind, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, Aurore Lalucq, Eugenia Rodríguez Palop |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sirpa Pietikäinen, Caroline Roose |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 29 | + |
|---|---|
| PPE | David Casa, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Stelios Kympouropoulos, Sirpa Pietikäinen, Maria Walsh |
| Renew | Jordi Cañas, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Max Orville, Dragoş Pîslaru, Monica Semedo |
| S&D | João Albuquerque, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Milan Brglez, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Daniela Rondinelli, Marianne Vind |
| The Left | Eugenia Rodríguez Palop, Nikolaj Villumsen |
| Verts/ALE | Katrin Langensiepen, Sara Matthieu, Kira Marie Peter-Hansen, Caroline Roose |

| 4 | - |
|---|---|
| ECR | Margarita de la Pisa Carrión, Elżbieta Rafalska, Pirkko Ruohonen-Lerner |
| ID | Dominique Bilde |

| 10 | 0 |
|---|---|
| ECR | Chiara Gemma |
| ID | Elena Lizzi |
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Jarosław Duda, Helmut Geuking, Miriam Lexmann, Romana Tomc, Tomáš Zdechovský |
| S&D | Ilan De Basso |
| The Left | Özlem Demirel |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni